MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2014

Numru. 509/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Trevor Micallef**

**Spettur Arthur Mercieca**

**VS**

**Abdulahi Mohamed Adow, iben Mohamed Adow u Madina nee' Mohamed, imwieled is-Somalja nhar l-1 ta' Jannar, 1982, residenti gewwa t-Tent Centre, Hal Far, limiti taz-Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita' numru 46867A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Abdulahi Mohamed Adow**, li gie akkuzat talli, nhar il-25 ta’ Mejju, 2014 bejn nofs il-lejl u s-1.00 ta’ filghodu, gewwa San Giljan, u/jew f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta’ handbag li kien fih LG mobile phone, €15 fi flus kontanti, credit card, Master Card, dokumenti personali u kartiera, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin ghad-detriment ta’ Kiera Navarro u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ handbag li kien fih €5 fi flus kontanti, kartiera, BOV VISA card, u iPod tal-ghamla Apple, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin ghad-detriment ta’ Kathy Bonello u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg li kienu misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-istadju tal-interrogatorju, u dan wara li gie moghti zmien mill-Qorti sabiex jerga’ jahseb dwar l-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni dwar l-istess.

Rat illi r-res furtiva mertu ta’ dan il-kaz giet ritornata.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni hekk kif ri-affermata mill-imputat, u wara li rat l-Artikoli 261, 270, u 278 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tqis ir-reat taht l-Artikolu 334 bhala wiehed alternattiv.

Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imsemmi mputat huwa first-time offender - u huwa biss ghalhekk illi setghet ma tikkonsidrax piena karcerarja effettiva, il-Qorti qieghda takkolji s-suggerimenti maghmula fit-trattazzjonijiet tal-partijiet, u tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sittax(16)-il xahar sospizi ghal tlitt(3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-poratata tas-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------